MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2009

Talba Numru. 1010/2006

**GO plc**

**vs**

**Angelo Schembri et**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tas-socjeta' attrici li ppremettiet illi l-konvenuti, *in solidum* bejniethom, ghandhom jaghtu lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u hamsa u tletin liri Maltin u tmienja u sittin centezmi (Lm535.68), illum ekwivaneti ghal elf, mitejn u sebgha u erbghin Euro u tmenin centezmu (€1,247.80), in konnessjoni ma' hsarat ikkagunati lill-infrastruttura tas-socjeta' attrici fi Triq Ganni Barbara, Hal-Lija, f'Gunju, 2004 u dan skont fattura bir-riferenza MC 00795 datata 1 ta' Dicembru, 2005 u ghal erbatax-il Lira Maltin (Lm14), cioe' ekwivalenti ghal tnejn u tletin Euro u wiehed u sittin centezmi (€32.62), in konnessjoni ma' ittra ufficjali mahruga mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bir-riferenza 836/06, debitament notifikata (GT3/200428).

Illi interpellati diversi drabi sabiex ighaddu ghal hlas, il-konvenuti baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuti, bl-imghax u l-ispejjes.

Ghaldaqstant, is-socjeta’ attrici talbet lil dan it-Tribunal sabiex:-

(i) jiddikjara lill-konvenuti responsabbli, *in solidum* bejniethom tal-hsarat minnhom ikkawzati lill-infrastruttura tas-socjeta’ attrici;
(ii) jikkundanna lill-konvenuti, *in solidum* bejniethom, ihallsu l-ammont kif mitlub, inkluzi l-ispejjes u l-imghaxijiet legali dekorrendo mill-1 ta’ Dicembru, 2005.

Ra r-risposta tal-konvenuti li eccepew illi primarjament, ma tezisti ebda entita’ guridika bhala Fenech Bros. u ghalhekk tali Avviz huwa null fil-konfront tal-istess.

Illi l-konvenuti m’humiex responsabbli *in linea* ta’ danni fil-konfront tal-attrici.

Illi l-konvenuti jecepixxu li minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma tezisti ebda solidarjieta’ bejniethom.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra x-xhieda ta’ PS 1043 Frankie Pace, li jispjega li kienu rcevew rapport minghand Vince Camilleri li kienu saru xi hsarat fil-*cables* tas-socjeta’ attrici, u dan kien gara fit-Triq Ganni Barbara, Hal-Lija fit-30 ta’ Gunju, 2004. Skont ir-rapport, il-*cables* kienu ntlaqtu minn Angelo Schembri.

Ix-xhud ighid li kien tkellem personalment ma’ Schembri, li kien mar l-Ghassa ta’ B’Kara, u kien qallu li kien mexa’ skont il-marki li kienet ghamlet is-socjeta’ attrici.

Is-Surgent jispjega wkoll illi r-rapport kien sar qabel ma tkellmu mal-konvenut, u meta dan ta’ l-ahhar kien qallu li kien mexa’ skont il-marki, dan ma tnizzilx fir-rapport, u dan peress li probabilment ma kienx sar *update*.

Ix-xhud ighid li hu kien nizel fuq il-post l-ghada, u kienu diga' sewwew il-hsarat. Jikkonferma wkoll li l-konvenut kien gie mqabbad mis-socjeta' attrici sabiex jghammilha xi xogholijiet. Ighid ukoll illi l-marki li kien ra kienu jinstabu aktar lil hemm fejn suppost kellu jkompli jhaffer.

Ra x-xhieda ta' Joseph Chircop, bhala impjegat tal-ADT u huwa inkarigat sabiex johrog il-permessi ghax-xogholijiet li jsiru fit-toroq ta' Malta u Ghawdex.

Il-permess maghruf bhala PMR jinhareg generalment mill-Kunsill jew mill-*Foreman* tal-ADT stess, ghaliex dawn generalment jirrigwardaw riparazzjonijiet jew manutenzjoni ta' affarijiet zghar. Fil-fatt, il-permess kien inhareg minn Joe Portelli, impjegat mal-ADT.
Ra x-xhieda ta' Dr. Keith Grech, in rapprezentanza tas-socjeta' attrici, u jikkonferma li l-konvenuti, jew min minnhom kien ikkaguna hsara fil-*cables*, proprjeta' ta' l-istess socjeta' li kienu jinsabu fi Triq Ganni Barbara, Hal-Lija, u dan kien f'Gunju, 2004.

Jikkonferma wkoll li l-24 ta' Mejju, 2004 kien inhareg il-permess mill-ADT, b'riferenza A7392 u dan il-permess inhareg fuq John Fenech ghan-nom ta' Fenech Bros.

Fit-23 ta' Gunju, 2004, il-Kunsill Lokali approva li jsiru dawn ix-xogholijiet li kienu jikkonsistu *f''holes for festa poles'* u dawn kellhom isiru bejn l-25 u 26 ta' Gunju, 2004

Ikompli jispjega li d-diversi entitajiet koncernati li jigu nfurmati mill-kuntrattur dwar dawn ix-xogholijiet, jiccirkolaw dan il-permess sabiex jekk ikun hemm entita' li jkollha xi infrastruttura midfuna fl-istess zona fejn ser isiru dawn ix-xogholijiet, tista' taghmel l-osservazzjonijiet jew timponi l-kundizzjonijiet taghha.

Is-socjeta' attrici fil-fatt tohrog il-kundizzjonijiet taghha f'dokument li huma msejjah – "*Conditions for Granting of Excavations Permits to Contractors, Utilities, Companies or Individuals*".

Ighid ukoll li fit-30 ta' Gunju, 2004, sar rapport dwar dawn il-hsarat fl-Ghassa ta' B'Kara minn Vincent Camilleri, imbaghad kienet inharget fattura kontra Angelo Schembri fl-1 ta' Dicembru, 2005.

Kien wara li ntbaghtet ittra ufficjali kontra l-konvenuti fil-15 ta' Frar, 2006 sabiex ihallsu l-ammont pretiz fl-Avviz, li jikkonsistu fi tlett mija u ghoxrin lira Maltin u erbgha u sittin centezmu (Lm320.64), ekwivalenti ghal seba' mija u sitta u erbghin Euro u disgha u tmenin centezmu (€746.89) bhala *mano d'opera*, mija u tlieta u tletin lira Maltin u tnejn u tletin centezmu (Lm133.32), ekwivalenti ghal tlett mija u ghaxar Euro u hamsa u hamsin centezmi (€310.55) bhala spejjes materjali, flimkien ma' wiehed u tmenin lira Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm81.72), ekwivalenti ghal mija u disghin Euro u sitta u tletin centezmu (€190.36) bhala Vat. Kif ukoll maghhom ghandhom jizdiedu l-ammont ta' erbatax-il lira Maltin (Lm14), ekwivalenti ghal tnejn u tletin Euro u wiehed u sttin centezmu (€32.61) spejjes tal-ittra ufficjali imsemmija.

Ra x-xhieda ta' Victor Busuttil, li jzid ighid li huwa inkarigat mis-sezzjoni tal-*Overseers* tas-socjeta' attrici, u jghid li bhala wahda mill-kundizzjonijiet taghha, is-socjeta' timponi li ta' l-anqas tlett (3) ijiem qabel ma jinbdew ix-xogholijiet, il-kuntratturi ghandhom javzawhom sabiex jibghatu *Overseer* sabiex jindika fejn tkun tinstab l-infrastruttura tal-Maltacom fiz-zona fejn ikun ser isir it-thaffir.

Fil-25 ta' Gunju, 2004 kienet qabbdet lil Paul Darmanin bhala *Overseer* u dan kien mar jiehu konjizzjoni tax-xoghol u kien iltaqa' mal-konvenut Schembri, li kien infurmah li kienu ser jaghmlu xi hofor ghall-arbli tal-festa.

Wara li Schembri urih fejn kienu ser isiru dawn il-hofor, irrizulta li ma kienux ser jaffettwaw l-infrastruttura tal-istess socjeta' attrici, u ghalhekk dakinhar Darmanin m'ghamel xejn aktar.
Wara li telaq Darmanin, Schembri haffer zewg (2) hofor ohra li ma kienx indika lil Darmanin, u kien hawn li kkaguna hsara f'*cable* tas-socjeta' attrici (4*100 pr).

Ra x-xhieda tal-Inginier Ives Pocock, li kkonferma dak kollu li xehed Dr. Keith Grech, kif ukoll Victor Busuttil.

Ra x-xhieda ta’ Vincent Camilleri, *Technical Executive* mas-socjeta’ attrici, li jikkonferma li personalment kien ghamel rapport fl-Ghassa ta’ B’Kara fit-30 ta’ Gunju, 2004, wara li kien hemm hsara fil-*cables* tas-socjeta’ attrici, waqt li l-konvenut Angelo Schembri kien qed jaghmel xi xogholijiet fis-sit in kwistjoni.

Ra x-xhieda ta’ Paul Aquilina, fil-kapacita’ tieghu ta’ *Credit Control Officer* mas-socjeta’ attrici, u dan ikkonferma li sa l-1 ta’ Dicembru, 2005 kienet inharget fattura bir-riferenza MC 00795 ghall-ammont ta’ hames mija u hamsa u tletin lira Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm535.68), ekwivalenti ghal elf, mitejn u sebgha u erbghin Euro u tmenin centezmu (€1,247.80). Din il-fattura kienet intbaghtet lill-konvenut Angelo Schembri, li kien qed jinzamm responsabbli ghall-hsara li grat fil-*cables* tas-socjeta’ attrici fit-Triq Ganni Barbara, Lija.

Ra x-xhieda ta’ Joseph Portelli, li xehed in rapprezentanza tal-ADT u jispjega li l-permess kien inhareg f’isem Fenech Brothers u li t-talba kienet sabiex isiru toqob ghall-arbli tal-festa. Ikkonferma li kien applika John Fenech, ghan-nom tas-socjeta’ Fenech Bros., u dan kien jafu bhala fatt ghaliex kien ilu jaghmel dan ix-xoghol ghal circa tletin (30) sena u ghalhekk il-klijenti kien jafhom.

Ra x-xhieda ta’ Paul Darmanin, li jokkupa l-kariga ta’ *Overseer* mas-socjeta’ attrici u kkonferma li kien ntbaghat minn Victor Busuttil sabiex jivverifika fejn kienu ser isiru t-toqob ghall-arbli tal-festa, u kien ghalhekk li kien iltaqa’ ma’ Schembri li kien urih fejn kienu ser isiru dawn it-toqob u hass li ma kienx ser jolqot l-infrastruttura tas-socjeta’ u ma kienx ghamel xi marki, izda wara Schembri kien hafer zewg (2) toqob ohra aktar milli kien qallu u wahda (1) minn dawn il-hofor laqtet *cable* tas-socjeta’ attrici u ghalhekk kienet saret il-hsara.

Jispjega li ma’ Schembri kien hemm persuna ohra u dawn kienu indikawlu li kienu bi hsiebhom ihaffru mit-trinka ’l barra, izda l-*cables* kienu jinstabu mit-trinka ‘l gewwa. Bejn it-trinka u l-bankina ma kienx hemm bzonn li jsir l-immarkar.

Ighid ukoll li l-konvenuti kienu ghamlu diversi marki bl-ahdar fejn kellhom l-intenzjoni li jaghmlu l-marki u kull fejn urewh li kienu ser jaghmlu l-hofor kien tajjeb u kien ghalhekk li qallhom li setghu jahdmu.

Jikkonferma wkoll li kien hemm marka ohra, u peress li kien hemm trinka vizibbli kien issuggerilhom li johorgu aktar ‘l barra mit-trinka minflok jaqtghu fuqha. Ikkonferma wkoll li t-toqba li biha l-kuntratturi kkagunaw hsara kien hemm marka hadra fic-cirkonferenza taghha.

Madanakollu, jghid li ma kienux urewh il-parti fejn kienet saret il-hsara u jinsisti li fejn intlaqa’ l-*cable*, cioe’ mit-trinka ghal bankina, ma kien hemm ebda marka bl-ahdar jew bi kulur iehor.

Jinsisti li hu kien qal lill-Kuntratturi li kien hemm din it-trinka u bejn it-trinka u l-bankina kienu sabu l-*cables* kollha tal-Maltacom u tul it-triq u l-genb kollu mal-bankina kien hemm *cables* tal-Maltacom.

Hu ma kienx obbligat joqghod hemm sakemm isir it-thaffir u ma hassx l-htiega li jimmarkja fejn kienu l-*cables,* ghaliex il-mod kif Schembri kienu urih li kien ser jahdmu li kien ikkoncentrat fin-nofs tal-pjazza ma kienx ser jaffetwa l-*cables* taghhom.

Ra x-xhieda ta’ Silvan Farrugia, li huwa membru tal-Kumitat ta’ St. Michael’s Fireworks Factory, Hal-Lija, u jispjega li fil-25 ta’ Gunju, 2004 kien nizel ma’ shabu, inkluz Angelo Schembri sabiex jiltaqghu mar-rapprezentanti tas-socjeta’ attrici u dan peress li kellhom jaghmlu l-marki ta’ fejn kienu ghaddejjin il-*cables*.

Kien mar certu Paul Darmanin u dan ma kienx ghamel marki, ghaliex fejn kienu ser jahdmu ma kienx hemm *cables* u ghalhekk qallhom li setghu jibdew ihaffru.

Dan Paul Darmanin ma kien ghamel ebda marki, u lanqas m'ghamel xi premessa li ma setghux ihaffru f'xi zoni u kien ghamel xi zmien bilqieghda ihares lejhom jaghmlu x-xogholijiet, izda bejn iz-zmien li kien hemm Darmanin u l-hin li ntlaqtet il-*cable* ma kien hemm ebda rapprezentant tas-socjeta' attrici, izda mbaghad kien nizel fuq il-post Darmanin, flimkien mal-Inginier.

L-Inginier ikkonferma li l-*cables* li garbu l-hsara kienu ghadhom tajbin.

Jikkonferma u jghid li kien hemm drabi meta ghal festa li ssir kull sena ma jsirux marki fl-asfalt, izda din id-darba kien hemm xi marki ta' l-Enemalta.

Jikkonferma wkoll illi l-*cable* ntlaqat min Angelo Schembri u Charles Fenech. Precisament ighid li huma kienu qabdu lil Fenech Bros., izda dawn kienu ghamlu xi *subcontracting* ma' Anglu Schembri.

Ix-xhud jispjega li ma kienx ra lill-Kuntratturi juzaw xi ghodda sabiex jivverifikaw jekk kienux ghaddjjin xi *cables*, izda jikkonferma li kienu ghamlu l-marki huma sabiex meta r-rapprezentanti tad-diversi entitajiet, inkluz is-socjeta' attrici, kienu jinzlu fil-post ikunu jafu fejn kellhom l-hsieb li jahdmu.

Ra x-xhieda ta' Angelo Schembri li jikkonferma li kien gie mqabbad sabiex jaghmel toqob ghall-arbli tal-festa u jispjega li kien gie rapprezentant tas-socjeta' attrici sabiex jara fejn kienu ser jahdmu u jaghmel il-marki ta' fejn kienu ghaddejjin il-*cables*, izda hass li ma kienx hemm il-htiega li jaghmel dawn il-marki u dana ghaliex fejn kienu ser jahdmu ma kienx ser jaffettwa il-*cables*.

Ighid li kien hemm xi marki ta' l-Enemalta kif ukoll tal-Water Services Corporation.

Kien meta waslu fil-hofra ta' qabel ta' l-ahhar li kienu laqtu l-*cable* u kien ghalhekk li cemplu lil Paul Darmanin. Meta nizel fuq il-post kien insista maghhom li kienu caqalqu l-post fejn kienet ser issir il-hofra, izda huwa nnegaw u aktar minn hekk kien ghad hemm il-marka bl-ahdar, minkejja li kienu hahfru u kienu laqtu l-*cable*.

Jikkonferma li kien laqat il-*cable*. Pero' jinsisti li l-Kazin tal-banda jew tan-nar kienu ghamlu l-marki kullimkien bl-ahdar. Ighid ukoll illi hija haga normali li r-rapprezentant tas-socjeta' attrici jaghmel l-marki u jitlaq waqt li jkunu qed isiru x-xogholijiet.

Ighid ukoll li huwa minnu li Darmanin kien talabhom sabiex fejn kien hemm il-marka tat-trinka li kienu ser jaqtghu, ma tinqatax, izda kellhom jersqu aktar fuq il-lemin u hekk ghamlu, izda kien hawn li sabu dawn il-*cables*.

<u>Ikkunsidra</u>

Is-socjeta' attrici fethet din il-kawza kontra zewg (2) konvenuti, primarjament Angelo Schembri u Fenech Bros., u qed titlob li jigu ddikjarati responsabbli *in solidum* bejniethom ghal allegat danni, kif ukoll li jhallsu *in solidum* bejniethom dawn id-danni.

Ghal dawn it-talbiet, il-konvenuti resqu l-eccezzjonijiet taghhom u l-ewwel (1) eccezzjoni hija li Fenech Bros. m'hijiex entita' guridika u per konsegwenza ma tezisti ebda solidarjieta' bejniethom.

Mill-provi li gew prodotti, gie stabbilit li fil-fatt ix-xogholijiet li kienu jikkonsistu fit-toqob ghall-arbli tal-festa kienu saru mill-konvenut Angelo Schembri u dan wara li kien gie *subcontracted* sabiex jaghmel dan ix-xoghol minn Fenech Bros.

Ghandu jigi stabbilit jekk Fenech Bros. effettivament hix socjeta' jew le. Ma gewx pprezentati l-ebda *Memorandum* jew *Article of Assocations* f'isem Fenech Bros. L-unika prova hija x-xhieda moghtija minn Joseph Portelli, in rapprezentanza tal-ADT u dan l-istess jikkonferma li

kienet saret applikazzjoni ghal xogholijiet minn John Fenech, ghan-nom ta' Fenech Bros., u jiddeskriviha bhala socjeta'. Fl-istess applikazzjoni, jirrizulta wkoll li Fenech Bros. kienet l-*employer* ta' Fenech stess, li kien applika ghal permess.

It-Tribunal josserva ukoll li minkejja li kien hemm din l-eccezzjoni, is-socjeta' attrici fl-ebda hin ma talbet li ssir korrezzjoni fl-Avviz in kwantu jirrigwarda l-konvenut Fenech Bros., jew gabet xi prova dwar l-ezistenza taghha in vista tal-eccezzjoni sollevata u ghalhekk jekk l-istess konvenut ghandux per se entita' guridika mhux pruvat.

Stabbilit dan kollu, it-Tribunal jehtieglu li jikkunsidra l-mertu ta' dan  il-kaz, fis-sens jekk verament il-konvenut Schembri kienx responsabbli ghad-danni li garrab *cable* tas-socjeta' attrici.

L-applikazzjoni saret sabiex jithaffru hofor fit-triq sabiex jitpoggew fihom arbli ghal festa ta' Hal-Lija. Huwa fatt ikkonfermat li l-membri tal-Kumitat tal-festa kienu ghamlu l-marki fejn kellhom l-intenzjoni li jpoggu l-arbli biz-zebgha hadra u dan kien rahom Paul Darmanin li huwa l-*Overseer* tas-socjeta' attrici li kien nizel fuq il-post waqt li kienu bdew ix-xogholijiet.

Ir-rwol tal-*Oversee*r huwa sabiex jistabilixxi fejn jinstabu l-*cables* tas-socjeta' attrici fl-inhawi ta' fejn ikun ser isir ix-xoghol u jaghmel il-marki necessarji sabiex il-Kuntrattur ikun f'posizzjoni li jahdem minghajr ma jikkaguna hsara f'dawn il-*cables*.

F'dan il-kaz in kwistjoni kien nizel Paul Darmanin bhala *Overseer* u wara li urewh fejn kienu ser jitpoggew l-arbli, wara li sar it-thaffir, hass li ma kienx hemm problemi ghaliex it-thaffir ma kienx ser isir fil-qrib jew fuq xi *cable*.

Kien hemm biss indikazzjoni li t-trinka kellha tkun mit-trinka 'l barra u mhux bejn it-trinka u l-bankina, ghaliex fil-vicinanzi kien hemm *cable*. Pero', ix-xhieda ta' Darmanin mhix konsistenti ghaliex filli jghid li kien avzahom biex jahdmu mit-trinka ghal hdejn il-bankina jew mit-trikna 'l

barra. Izda, l-*punto sta* li Darmnanin iddecieda li ma jaghmilx marki ghaliex bil-marki li kienu ghamlu l-membri tal-festa kien sodisfatt li l-*cables* tas-socjeta' attrici ma kienux ser jigu danneggjati.

Jikkonferma wkoll li ma kienx qghad hemmhekk waqt li kienu komplew ix-xoghol, izda kienu qatta' ftit him hemm fil-bidu waqt li kienet qiedgha ssir it-trinka.

Il-membri tal-festa kollha kkonfermaw li Darmanin ma kienx ghamel l-marki li ssoltu jaghmel l-*Overseers,* ghaliex ma hassx li kien hemm necessita' jekk kienu in regola.
Darmanin jinsisti li l-marki, fejn eventwalment ntlaqat il-*cable,* kienu saru mill-membri tal-festa wara li telaq u kienu urewh il-marki li kienu ghamlu. Mir-ritratti li gew esebiti jirrizulta li fil-fatt kien hemm marka hadra fejn ntlaqat il-*cable*.

It-Tribunal ma jaqbilx mat-tesi tas-socjeta' attrici, ghaliex primarjament Angelo Schembri kien qed jahdem fuq marki li sab u fejn kien inghata l-*go ahead* mill-*Overseer* sabiex jaghmel ix-xogholijiet. Ma kien hemm l-ebda indikazzjoni fejn precisament kienu jinstabu ghaddejjin il-*cable*s tas-socjeta' attrici u lanqas per ezempju hemm indikat mill-provi dwar il-profondita' ta' dawn il-*cables*.

Ghalhekk, il-Kuntrattur jew *Sub-Contractor* f'dan il-kaz, agixxa skont il-prassi normali tal-mistier[1] u huwa difficli sabiex it-Tribunal jikkonvinci ruhu li kien hemm xi nuqqasijiet da parti tal-konvenut fix-xogholijiet li kien qed iwettaq u anke jekk saru xi marki, wara li mar l-*Overseer* tal-Go p.l.c., zgur ma kienux l-konvenuti, imma *caso mai* l-organizzaturi tal-armar tal-festa li fl-ebda hin ma jinkwadraw bhala konvenuti f'dan il-kaz.

Anzi, it-Tribunal huwa aktar konvint li n-nuqqasijiet saru da parti tas-socjeta' attrici meta kien fid-dmir taghha li tissalvagwardja dik li hija proprjeta' taghha, billi tiddentifika l-lok tal-*cables* u b'hekk tevita kwalsiasi eventwalita' ta'

[1] Maltacom p.l.c. vs Carmel Vella Ltd. 632/00

danni, izda dan ma sarx u b'hekk gie milqut il-*cable* in kwistjoni.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jichad it-talbiet attrici filwaqt li jiqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti.

Bl-ispejjes kontra s-socjeta' attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------